**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 111/2024 SG**

**Carmel magħruf ukoll bħala Charles Lawrence Azzopardi; u permezz ta' verbal fit-23 ta' Jannar 2025, Dr Carmelo Galea assuma l-atti f'isem ir-rikorrenti stante li kien assenti; u permezz ta' nota fit-18 ta' Marzu 2025 ir-rikorrenti assuma l-atti f'ismu mill-ġdid stante r-ritorn tiegħu f'dawn il-gżejjer**

**versus**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

**Illum, 29 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ta' Carmel magħuf bħala Charles Lawrence Azzopardi ppreżentat fis-16 ta' Diċembru 2024 li fih ġie mitlub:

1. *Illi huwa twieled fil-ħamsa (5) ta' Lulju elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949), u ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru ħames mija u tnejn u disgħin tal-istess sena (592/1949) fejn huwa indikat bl-isem "Carmel"";*

2. *Illi f'dik iċ-ċertifikat huwa indikat bl-isem "Carmel";*

3. *Illi madanakollu huwa emigra lejn il-Kanada fl-ewwel (1) ta' April elf disa' mija disgħa u sittin (1969) u minn dakinhar l'hawn huwa beda juża l-isem "Charles Lawrence Azzopardi";*

4. *Illi minn dakinhar l'hawn dan huwa l-isem li bih huwa magħruf tant li wara li ottjena ċ-ċittadinanza doppja tal-Kanada, inħariġlu passaport Kanadiż, li għadu jiġġedded sal-lum, fejn huwa indikat b'dak l-isem (b'żieda tat-tieni isem tiegħu "Lawrence";*

5. *Huwa wkoll jirċievi pensjoni mill-Kanada fejn il-benefiċjarju huwa indikat bl-isem "Charles"; u d-depositi bankarji tiegħu huma lkoll instestati fuq "Charles";*

6. *Illi hekk ukoll fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ, fil-Kanada, huwa indikat bħala "Charles" u saħansitra fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' uliedu, Charlene, Michelle, u Paul, ismu huwa indikat bħala Charles;*

7. *Illi għaldaqstant hemm lok li, fit-termini tal-artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili l-isem "Carmel" fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jiġu sostitwit bl-isem "Charles";*

8. *Għid għalhekk inti konvenut/intimat għaliex ma għandhiex din il-Qorti:*

    1. *Tiddikjara li l-isem li bih huwa ndikat fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, 592/1949, ma jirrispekkjax l-isem li bih huwa konsistement magħruf stante li huwa llum magħruf bl-isem "Charles" u ilu hekk magħruf sa mis-sena sebgħin;*

    2. *Konsegwentement tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 592/2019 billi, fit-"Targħrif dwar it-Tarbija" fil-kolonna "Isem jew Ismijiet mogħtija" u "Isem jew Ismijiet li bihom it-Tarbija għandha Tiġi Msejħa", l-isem "Carmel" jiġi sostitwit bl-isem "Charles".*

*Bl-ispejjeż, u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int ingunt.*

**Rat** ir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fejn ġie eċċepiet :

1. *Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

2. *Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi mill-Att tat-Twelid ta' Carmel Azzopardi, innumerat 592/1949, jirriżulta illi huwa twieled ix-Xagħra, Għawdex, fil-5 ta' Lulju 1949, lil Michael Angelus Azzopardi u Victoria nee' Sultana, u li 'Carmel' kien iddikjarat bħala l-isem li bih huwa għandu jiġi msejjaħ;*

4. *Illi kien il-missier, Michael Angelus Azzopardi, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binhom Carmel u li ddikjara kif huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, u fejn hemm il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;*

5. *Illi l-bidla jew korezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura staordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konessa għaliex ir-rikorrent sempliċament jixtieq jibdel ismu, iżda tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;*

6. *Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

**Rat** id-dokumenti ppreżentati;

**Semgħet** ix-xhieda;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Rat** l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Ikkunsidrat**

Illi l-attur ippreżenta din il-kawza ai termini tal-Artikolu 253 et sequitur tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta billi ġie reġistrat bl-isem ta' "Carmel" fuq atti reġistrati mar-Reġistru Pubbliku, filwaqt li skont l-istess attur, dan ma jirrispekkjax l-isem li bih huwa konsistement magħruf. Spjega li huwa llum magħruf bl-isem ta' 'Charles' u ilu hekk magħruf sa mis-snin sebgħin.

Illi l-Artikoli 253 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Il-Qorti qieset li l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta saret debitament.

Il-Prim'Awla tal-Qrati Ċivili fil-kawża deċiża fil-15 ta' Jannar, 2015 fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Calleja vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, spjegat li l-liġi ma timponix li biex issir kawża taħt l-artikoli msemmija jrid ikun hemm żball, iżda biżżejjed il-prova li r-rikorrenti tkun dejjem issejħet bl-isem li trid iżżid fiċ-ċertifikat.

Illi l-Qorti hija soddisfatta mill-provi kollha esibiti li l-attur ipprova li kien u huwa magħruf konsistentement bl-isem ta' "Charles", u mhux "Carmel". Għaldaqstant it-talba attriċi jistħoqqilha li tiġi akkolta. Madanakollu, din il-Qorti żżid li ma jirriżultax li sar żball fir-reġistrazzjoni tal-isem fuq l-atti pubbliċi. Dan ser jinsab rifless fil-kap tal-ispejjeż tal-kawża li ser jiġu imposti fuq ir-rikorrenti.

**DECIDE**

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn deċiż, tilqa' t-talbiet tar-Rikorrenti b'dan li:

1. Tiddikjara l-isem li bih huwa indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid, 592/1949, ma jirrispekkjax l-isem li bih huwa konsistement magħruf stante li huwa llum magħruf bl-isem 'Charles' u ilu hekk magħruf sa mis-snin sebgħin;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 592/1949 billi fit-'Tagħrif dwar it-Tarbija' fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet Mogħtija' u 'Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa', l-isem 'Carmel' jiġi sostitwit bl-isem 'Charles';

3. Tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti ai termini tal-istess Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**